MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 460/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited**
**u din ghan-nom u in rappresentanza**
**tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc**
**hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat**
**taghha Alan John Robert Upton sija**
**bil-polza u sija bil-ligi u l-istess**
**Alan John Robert Upton**

**Vs**

**Sandro Portelli**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm395.46c (tlett mija u hamsa u disghin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku fl-20 ta' Settembru, 2000, f'Rue D'Argens, Sliema, bejn il-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni HAA 561 misjuqa mill-attur Alan John Robert Upton liema vettura hija assikurata taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura propjeta’ tal-assikurat taghha hlief ghal Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) ‘excess’ li thallset mill-assikurat Alan John Robert Upton, u l-vettura numru EAB 371 misjuqa mill-konvenut Sandro Portelli, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma’ l-Avviz u bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci ;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------